17 ta' Marzu, 1956

**Imħallef:**

**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Fenech *versus* Avukat Dr. Antonio Caruana, LL.D.

## Spejjeż Ġudizzjarji — Ratizzazzjoni — Taxxa

*Sabiex spejjeż ta' att jitqiesu kompriżi fil-kundanna għall- ispejjeż kontenuta f'sentenza, meta dak l-att ma jkunx wieħed mill-atti stess tal-istess kawża (għax allura ma jistax ikun hemm kwistjoni), jew meta ma jkunx espressament imsemmi fl-att inizjali tal-ġudizzju (avviż, ċitazzjoni, jew libell), bħal meta jingħad "bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali........" (f'liema każ lanqas ma jista' jkun hemm kwistjoni), jeħtieġ, in linea ta' massima, li dak l-att ikun strettament konness mad-domanda u mad-deċiżjoni; kif ukoll jeħtieġ li ma jkunx superfluwu, u li l-meritu tiegħu jkun fondat konformement għad-domanda kif tkun ġiet sostnuta mill-Qorti b'deċiżjoni favorevoli fil-kawża li tagħha jkunu jintalbu l-ispejjeż.*

*Il-fatt li min jimpunja r-ratizzazzjoni jkun naqas milli jimpunja t-taxxa ma jfisser xejn, jekk ir-ratizzazzjoni tal-ispejjeż tiġi mpunjata għax min jimpunjaha jidhirlu li ċerti atti ma għandhomx jidħlu fit-taxxa; għax il-kwistjoni, f'każ simili, ma tkunx fuq il-"quantum" taxxat, imma illi l-ispejjeż oġġezzjonati ma għandhomx ikunu kompriżi fit-taxxa. U dan apparti milli, jekk min jopponi dik ir-ratizzazzjoni jkun iddepożita l-ammont li hu jippretendi li għandu jħallas, jistax jingħad li hu ma mpunjax it-taxxa.*

Il-Qorti; Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta tas-17 ta' Diċembru, 1953, fejn huma miġjuba

d-domandi ta' l-attur, u li biha dik il-Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti *li tieħu konjizzjoni* tal-kawża;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu, 1954, li biha s-sentenza fuq imsemmija ġiet revokata, u l-atti ġew rimessi *lil dik il-Qorti* għall-kontinwazzjoni;

Rat is-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti *tas-27 ta'* Novembru, 1954, fejn ġiet riġettata d-domanda għar-ritrattazzjoni tal-kawża;

*Rat id-deċiżjoni ta'* l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Jannar, 1956, li biha rrespinġiet it-talbiet, bl-*ispejjeż*, barra dawk ġa definittivament deċiżi; salva lill-attur kwalunkwe azzjoni lilu talvolta kompetenti għar-ripetizzjoni ta' l-ispejjeż taż-żewġ ittri uffiċjali, "si et quatenus"; billi kkunsidrat;

Illi l-vera kontestazzjoni bejn il-partijiet, jekk ir-ratizzazzjoni għandhiex jew le tiġi approvata, tikkonsisti in sostanza jekk iż-żewġ ittri uffiċjali ta' l-20 ta' Settembru, 1952, u dik ta' l-4 ta' Novembru, 1952, jiffurmawx parti mill-kawżi pendenti quddiem il-Board tal-Kera bejn il-partijiet, u deċiżi fis-17 ta' Settembru, 1952;

Illi bir-rikors nru. 1409/51 quddiem il-Board tal-Kera l-attur talab li jiġi fissat il-"fair rent" tad-dar numru 12 Immaculate Conception Street, Żejtun; u dak il-Board, b'sentenza tas-17 ta' Settembru, 1952, iffissa dan il-"fair rent", u ordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu nofs mill-attur u nofs mil-konvenut. Bir-rikors l-ieħor numru 1423/51 il-konvenut talab li jiġu approvati l-kera u l-kondizzjonijiet, rigward l-istess dar, li kienu saru skond offerta ta' Joseph Falzon; u dak il-Board, b'sentenza tas-17 ta' Settembru, 1952, billi l-kera u l-kondizzjonijiet kienu ġew fissati ġa bis-sentenza fuq ir-rikors numru 1409/51, iddikjara li ma kienx hemm lok li tiġi provvduta d-domanda, u ċaħad it-talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Illi bl-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Settembru, 1952 l-attur irrisponda għall-ittra uffiċjali li kien bgħatlu l-konvenut, u li kienet ġiet lilu notifikata fis-17 ta' Settembru, 1952, u interpellah jikkonsenjalu l-kumplament taċ-ċwievet tad-dar. Bl-ittra uffiċjali l-oħra ta' l-4 ta' Novembru, 1952, l-at-

tur kien reġa nterpella lill-konvenut biex jikkonsenjalu l-kumplament taċ-ċwievet tad-dar;

Illi mill-kontenut tar-rikors u tal-ittri uffiċjali jirriżulta kjarament illi l-meritu rispettiv kien differenti. Infatti, iż-żewġ ittri uffiċjali ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-fissazzjoni tal-"fair rent"; anzi ġew spediti wara li l-Board kien iffissa l-"fair rent". Inoltre, kieku, "per grazia di argomento", dawn l-ittri uffiċjali kellhom x'jaqsmu mal-fissazzjoni tal-"fair rent", u għandhom jiffurmaw parti mil-kawża quddiem il-Board, allura kienu jsegwu r-regolament ta' l-ispejjeż li għamel li-stess Board meta ffissa l-"fair rent";

Illi huwa risaput illi r-ratizzazzjoni ma hix ħaġ'oħra ħlief reġolament tar-rapporti ta' debitu u kreditu għall-ispejjez tal-kawża "kanonizzati" mill-Qorti, u l-likwidazzjoni tal-bilanċ finali dovut minn parti lill-oħra. Għalhekk, fir-ratizzazzjoni ma jistgħux jidħlu spejjeż li ma jkunux strettament konnessi mal-kawża, jew li ma jintalbux mad-domanda fil-meritu; b'mod li jistgħu jiġu kunsidrati "spejjeż tal-kawża", u għalhekk ikunu kanonizzati bir-regolament li t-tribunal jagħmel fuq l-ispejjeż. L-istess attur wera li jammetti li dawn l-ispejjeż ma jiffurmawx parti mill-kawża quddiem il-Board tal-Kera, tant li fiċ-ċitazzjoni li għamel kontra l-konvenut quddiem il-Prim'Awla Ċivili (ċitaz. 724/1955) talab espressament il-kanonizzazzjoni ta' l-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ ittri uffiċjali, billi ħass li kienu jirrigwardaw il-meritu tal-kawża li istitwixxa — ħaġa li ma kienx jagħmel kieku kien jirritjeni illi kien ġie ġa kanonizzat fihom bħala aċċessorji tal-kawżi quddiem il-Board tal-Kera;

Illi, għalhekk, l-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ ittri uffiċjali, li ma hemmx kanonizzazzjoni tagħhom, ma setgħux jiġu nklużi fir-ratizzazzjoni in eżami; li għalhekk, anki għal dan biss, ma tistax tiġi approvata;

Illi l-attur issottometta illi, una volta li dawk iż-żewġ ittri uffiċjali ġew inklużi mir-Reġistratur fit-taxxa li ġiet notifikata lill-konvenut mar-ratizzazzjoni, u ma ġietx impunjata għat-termini ta' l-art. 62 tal-Proċedura Ċivili, il-lum il-kwistjoni hija magħluqa. Iżda verament il-każ in kwistjoni ma hux każ ta' impunjazzjoni tat-tassazzjoni magħmula

mil-Reġistratur, għaliex ma hemm ebda kontestazzjoni fuq il-"quantum" taxxat; u, kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Novembru, 1935, in re "Zammit vs. Moore" (konfermata fl-Appell fl-14 ta' Mejju, 1936), "il-kliem stess 'and the assessment made by him may not be impugned' juru illi d-dekadenza mid-dritt li wieħed jimpunja t-taxxa tirriferixxi għall-likwidazzjoni tas-somma (assessment), li hija ħaġa essenzjalment diversa mil-kontestazzjoni tad-dritt stess għat-taxxa"; u dan fuq l-iskorta tad-deċiżjoni tal-istess Prim'Awla tal-10 ta' Novembru 1888 in re "Vella Hass vs. Camenzuli": "La disposizione dell'articolo 80 (korrispondenti għall-attwali 62) riguarda la tassazione dei diritti ...... ma non contempla il caso in cui il notificato della tassa nega la esistenza dell'atto o del fatto per cui è tassato il diritto". Fil-każ in ispeċje, il-kontestazzjoni hija fuq l-eżistenza tal-atti bħala parti mil-kawża li tagħhom saret ir-ratizzazzjoni tal-ispejjeż;

Illi, barra minn dan, lanqas ma hu eżatt illi t-taxxa ma ġietx impunjata fit-terminu ta' xahar. Infatti, it-taxxa ġiet notifikata lill-konvenut fil-11 ta' April, 1953, u huwa fil-25 ta' April, 1953, għadda biex jiddepożita s-somma li huwa jirritjeni dovuta minnu, u fil-prospett anness maċ-ċedola spjega kif wasal għal dak l-ammont. Issa, kif ġie ritenut kostantement mill-ġurisprudjenza lokali, "nel linguaggio comune la parola 'impugnare' non significa solamente una opposizione fatta per mezzo di domanda in giudizio, per stabilire con sentenza il contrario della cosa detta ........ Si dice impugnata una pretensione con qualunque atto responsivo, anche fuori di giudizio, restando al creditore il peso di ricorrere al tribunale per ottenere una decisione in contradittorio" (App. 16/5/1885, "Mifsud vs. Galea Naudi");

Illi għalhekk l-ewwel domanda ma tistax tiġi akkolta;

Illi, rigward it-tieni domanda, għall-kanonizzazzjoni tal-ammont riżultanti minn din ir-ratizzazzjoni, una volta li r-ratizzazzjoni mhix korretta, l-attur ma jistax jiġi kanonizzat f'dana l-ammont "bħala riżultanti mir-regolament tal-ispejjeż ordnat fiż-żewġ kawżi fuq imsemmija"; u għalkemm

talvolta l-ispejjeż tar-riferiti żewġ ittri uffiċjali jistgħu jkunu dovuti mill-konvenut "għal raġunijiet oħra", però dina l-Qorti ma tistax tidħol f'din il-kwistjoni, għaliex, una volta li jirrigwardaw lokazzjoni ta' fond bil-kera ta' £11 fissena, kif dina l-Qorti mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni fuq din il-lokazzjoni, ma hix kompetenti tiddeċidi fuq l-ispejjeż konnessi magħha;

Illi, inoltre, stante li l-konvenut iddepożita l-bilanċ tassomma minnu dovuta, dedotti l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali, ma hemmx lanqas lok ta' kanonizzazzjoni fl-ammont ta' dan il-bilanċ;

Rat iċ-ċitazzjoni fol. 123, li biha l-attur talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li jiġu milqugħa t-talbiet kontenuti fl-avviż; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Sabiex spejjeż ta' att jitqiesu kompriżi fil-kundanna għall-ispejjeż kontenuta f'sentenza, meta dak l-att ma jkunx wieħed mill-atti stess tal-istess kawża, għax allura ma jistax jkun hemm kwistjoni, jew meta ma jkunx espressament imsemmi fl-att inizjali tal-ġudizzju (avviż, ċitazzjoni, jew libell, bħal meta jingħad "bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-.........), f'liema każ lanqas jista' jkun hemm kwistjoni — jeħtieġ, in linea ta' massima, li dak l-att ikun strettament konness mad-domanda u mad-deċiżjoni, kif ukoll jeħtieġ li ma jkunx superfluwu, u li l-meritu tiegħu jkun fondat konformement għad-domanda kif tkun ġiet sostnuta mil-Qorti b'deċiżjoni favorevoli fil-kawża li tagħha jkunu qegħdin jintalbu l-ispejjeż;

F'dan il-każ, apparti r-rekwiżiti l-oħra fuq imsemmija, li ma hemmx bżonn li l-Qorti tidħol fihom, jonqos però l-ewwel rekwiżit; għax ma jistax jingħad b'korrettezza li l-meritu taż-żewġ ittri uffiċjali, li dwar l-ispiża tagħhom hemm il-kwistjoni, huma strettament konnessi mad-domandi kontenuti fir-rikorsi quddiem il-Board "de quibis agitur", peress li ma kellhomx x'jaqsmu mad-domanda, "ut sic", tal-fissazzjoni tal-"fair rent", jew mal-oħra, "ut sic", tal-approvazzjo-

ni tal-kera offert minn ħadd ieħor, rispettivament kontenuti fir-rikorsi quddiem il-Board. Anzi dawk iż-żewġ ittri uffiċjali qegħdin jippresupponu "fatt ġdid" tal-konvenut, li, kif allegat fihom, kien qiegħed iżomm indebitament għandu biċċa miċ-ċwievet tal-fond; u għalhekk dak il-fatt ġdid ma jistax jiġi ritenut kompriż fl-ambitu *tad-domanda* kontenuta fir-rikorsi;

Il-fatt li l-konvenut naqas li jimpunja t-taxxa lilu notifikata mar-ratizzazzjoni lanqas jiswa lill-attur; għaliex, apparti li d-depożitu magħmul mil-konvenut biċ-ċedola fol. 91 jista' jitqies att impunjattiv, hemm anki r-rifless li l-konvenut mhux qiegħed *jikkontrasta* l-"*quantum*" tal-ammont taxxat, imma qiegħed isostni li dawk il-partiti ma għandhomx ikunu kompriżi fit-taxxa — ħaġa diversa;

Mill-provi mismugħa, partikolarment kif kjarifikati f'din l-istanza, jirriżulta li d-depożitu tal-ammont dovut, magħmul b'ċedola li tagħha hemm kopja fol. 91, ġie validament magħmul, u għalhekk jekwivali għal pagament;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell mid-deċiżjoni fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant (esklużi dawk ġa definittivament deċiżi); u bl-istess riżerva favur l-attur kontenuta fid-deċiżjoni appellata.